


Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Tqegħid Ta' Minuri F'pajjiż Ieħor Inkl. F'foster Family Croatia >

# Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family

 Il-Kroazja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Liema awtorità għandha tiġi kkonsultata u biex jingħata kunsens minn qabel qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tiegħek?

Qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja, irid l-ewwel jiġi kkonsultat il-Ministeru għax-Xogħol, is-Sistema tal-Pensjonijiet, il-Familja u l-Politika Soċjali (*Ministarstvo rada, mirovinskoga sustava, obitelji i socijalne politike*) u jinkiseb il-kunsens tiegħu. Il-Kummissjoni li tistabbilixxi l-konformità mal-kundizzjonijiet għat-tqegħid transfruntier tal-minuri u li teżamina t-talbiet individwali għall-għoti ta' kunsens minn qabel għat-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja (*Povjerenstvo za utvrđivanje uvjeta za prekogranični smještaj djece te razmatranje pojedinačnih zahtjeva za davanje prethodnog pristanka za prekogranični smještaj djece na području Republike Hrvatske*) taħdem fi ħdan il-Ministeru biex jintlaħaq dan l-għan.

## 2 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura għall-konsultazzjoni u l-kisba tal-kunsens (inklużi d-dokumenti meħtieġa, l-iskadenzi, il-modalitajiet tal-proċedura, u dettalji rilevanti oħra) għat-tqegħid transfruntier tat-tfal fit-territorju tiegħek.

Il-Ministeru għax-Xogħol, is-Sistema tal-Pensjonijiet, il-Familja u l-Politika Soċjali, li huwa l-Awtorità Ċentrali għal azzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111, stabbilixxa l-Kummissjoni ta' ħames membri għall-istabbiliment tal-konformità mal-kundizzjonijiet għat-tqegħid transfruntier tal-minuri u għall-eżami ta' talbiet individwali għall-għoti ta' kunsens minn qabel għat-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja. Il-Kummissjoni tiltaqa' biex tiegħu deċiżjonijiet individwali abbażi tat-talbiet li tirċievi.

It-talba titressaq flimkien ma' rapport komprensiv dwar il-minuri bl-opinjoni u l-konklużjoni tat-tim ta' esperti dwar it-tqegħid transfruntier, inklużi d-dokumenti mediċi u r-raġunijiet għat-tqegħid transfruntier, l-isem tal-fornitur tas-servizzi li miegħu jkun qed jifittex it-tqegħid, id-dettalji tad-data ppjanata tal-bidu u t-tmim tat-tqegħid, dikjarazzjoni mill-fornitur tas-servizz li jaqbel li jipprovi s-servizz lill-minuri u li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar (wasla u tluq) u ta' sussistenza tal-minuri, l-ispejjeż tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-edukazzjoni, dikjarazzjoni mill-minuri li fiha jagħti l-kunsens għat-tqegħid transfruntier u jikkonferma li hu konxju mill-programm ta' tqegħid, dikjarazzjoni mill-Istat rikjedenti li tigarantixxi li r-rappreżentant tal-fornitur tas-servizz se jkun awtorizzat li jirrappreżenta lill-minuri għall-iskop ta' reġistrazzjoni tas-soġġorn temporanju tiegħu, kif ukoll biex jieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiproteġi lill-minuri, dettalji tal-awtorità tal-Istat rikjedenti li hija kompetenti biex tiegħu deċiżjonijiet dwar it-tqegħid, deċiżjonijiet tal-qorti maħruġa fir-rigward tal-minuri (eż. deċiżjonijiet dwar il-kustodja tal-ġenituri tal-minuri, eċċ.) u dokumentazzjoni oħra li l-Istat rikjedenti jqis rilevanti għat-twettiq ta' din il-proċedura.

Id-dokumenti huma pprovduti fl-oriġinal bil-lingwa tal-Istat rikjedenti, flimkien ma' traduzzjoni għall-Kroat. Il-

proċedura hija urġenti, għalhekk il-Kummissjoni tiddeċiedi immedjatament wara li tkun eżaminat it-talba u d-dokumenti ta' sostenn. Abbażi ta' dik id-deċiżjoni, il-Ministeru għax-Xogħol, is-Sistema tal-Pensjonijiet, il-Familja u l-Politika Soċjali jadotta deċiżjoni finali li tilqa' jew tiċħad talba għal kunsens minn qabel għat-tqegħid transfruntier fit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja.

### 3 L-Istat Membru tiegħek iddeċieda li mhuwiex meħtieġ il-kunsens għal tqegħid transfruntier ta' tfal fit-territorju tiegħek fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti? Jekk iva, x'inhuma l-kategoriji ta' qraba stretti?

Skont l-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111, mhu meħtieġ l-ebda kunsens mill-Kroazja meta l-minuri jkun se jitqiegħed ma' ġenitur jew qarib strett. Għall-finijiet tal-Artikolu 82(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111, in-nanniet, iz-zijiet, l-aħwa subien/aħwa subien mill-missier jew mill-omm, l-aħwa bniet/aħwa bniet mill-missier jew mill-omm u t-fal tal-aħwa/tal-aħwa mill-missier jew mill-omm huma kkunsidrati bħala qraba stretti.

### 4 L-Istat Membru tiegħek għandu fis-seħħ xi ftehimiet jew arranġamenti għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid transfruntier tat-tfal?

Il-Kroazja ma għandha fis-seħħ l-ebda ftehim jew arranġament għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb kunsens għat-tqegħid transfruntier tal-minuri.

---

L-aħħar aġġornament: 20/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.